## HUWA L-EZEMPJU LI JKAXKAR

Edna Costello kienet mara l-aktar ezemplari fil-parrocca. Kienet membru attiva f'hafna ghaqdiet, fic-cirklu tar-Ruzarju, il-kunsill parrokkjali, fl-ghaqda ta' l-istudju tal-Bibbja, thejji lill-koppji ghaz-zwieg u fil-Lega Favur il-Hajja. Kont taraha ghall-quddies kuljum u nofs siegha qabel ma tibda l-quddiesa. U wara li tintemm il-quddiesa kienet tibqa' nofs siegha ohra wara, migbura fit-talb u jekk ikun hemm bzonn, fuq talba tal-kappillan, taghmel xi xoghol manwali fil-knisja.

Matul il-jum Edna kienet taghmel atti ta' karita mal-proxxmu taghha.  Jekk kienet tkun taf li xi hadd kien marid, dlonk kienet tmur izzuru biex tara ghandux bzonn xi ghajnuna.

Fi tmiem il-gimgha kienet  izzur il-morda tal-parrocca taghha fl-isptar u iggorr maghha xi bukkett tal-fjuri jew xi borza laring. Meta minhabba l-maltemp kien ikun ghaliha mpossibbli li tohrog minn darha, kien taqbad il-mobile u ccempel lir- romol li kienu jinsabu wahedhom. U xi drabi kienet issaqqaf wiccha ma' xi whud mill-parruccani sinjuri biex jaghtuha xi donazzjonijiet ghal xi whud li minhabba il-kundizzjoni finanzjara taghhom ikun waqghu lura fil-hlas tal-kera jew qed isofru minn

nuqqas ta’ ikel. Filghaxija kont issibha tippartecipa f’xi laqgha ta’ xi wahda mill-organizzazzjonijiet tal-parrocca.

Minkejja li wiehed jista’ jahseb li Edna kienet xi mara qaddisa, il-mara kellha id-difetti taghha. U fuq hekk hafna mill-parruccani kienu jaharbuha kemm jistghu. Kienet xi kultant thobb issir taf fuq l-affarijiet ta’ haddiehor. Kienet tajba biex titkellem aktar milli tisma’. Imma hadd mill-parrocca qatt ma kien ser jichad il-fatt li Edna kienet taghmel hilitha kollha biex tkun Kattolika tajba. U minhabba l-ezempju taghha ta’ Kattolika attiva, hafna nies kienu jammirawha u jimxu warajha.

Sewwa jghidu li l-ezempju jkaxkar. U hekk gralu Tommy Brown. Il-familja Brown kienet toqghod biss ftit bibien ‘l isfel mid-dar ckejkna ta’ Edna wara li zewgha miet. Meta kellu tnax-il sena Tommy kien jingarr mid-dehra ta’ din il-mara li kienet ghaddi minn quddiem it-tieqa tieghu kull filghodu fis-6.15, kemm jekk tkun ix-xita, kif ukoll jekk tkun ix-xemx. “Jekk din il-mara tista’ tmur il-quddies kuljum, ghaliex jiena le? “ U minn dak in-nhar Tommy kien jaghmel hiltu kollha biex jattendi kuljum il-quddies. U Tommy ma kienx wahdu li tkaxkar lejn il-knisja bl-ezempju taghha. Ghal kull gar li kien jidhaq minn taht meta jara lil Edna tqassam xi santi jew kartolini qaddisa,

kien ikun ruh ohra aktar sensittiva li tiehu s-santa u tizviluppa r-rutina tat-talb taghha.

Ghaddew is-snin, l-eta’ ghamlet taghha, u Edna sabet post izghar f’belt ohra. Malajr addattat ruhha fil-parrocca l-gdida u saret is-sinsla taghha. Ghal snin hija kompliet bl-istess attivita’ fil-lokal il-gdid.

Qabel ma lahqet l-eta ta’ 90 sena, ugigh gaghlha tmur taghmel vizta ghand tabib. L-ahbar li taha ma kienitx tajba. Kienet mardet bil-cancer. Kien zmien il-Gimgha Mqaddsa meta hadet l-ahbar. Imma hi ma cedietx. Minkejja t-tbatija ghamlet li setghet biex tinjora l-ugigh u l-ghejja u tkompli b’hidmitha. Imma l-ghada tal-Milied hassha hazin fil-knisja u haduha tigri lejn l-isptar.

It-tobba irnexxilhom igibuha f’taghha u ghal jumejn il-kundizzjoni taghha ipproggressat. Imma fit-tielet jum marret ghal aghar f’daqqa wahda u ghalkemm ghamlu li setghu, fehmu li ftit kellha hajja. Edna giet f’taghha u meta fethet ghajnejha kienet taf x’qed jigri madwarha. Fuq insistenza ta’ Edna, l-infermiera bdew iffitxu sacerdot.

Imma inqalghet kumplikazzjoni. Maltemp qawwi bis-silg laqghat il-belt dik il-ghodwa tant li t-traffiku waqaf. Il-kappillan tal-lokal kien hareg filghodu kmieni, bit-tama li jaqdi xi htigijiet ta’ l-ahhar mument qabel jibda’ niezel

is-silg. Imma ghamel kalkoli hziena u huwa wkoll ma setghax ikompli bil-vjagg lura u sab ruhu wieqaf ‘l boghod hafna. Jekk jieqaf is-silg forsi kien jasal qabel iraxxax id-dlam, dejjem jekk jieqaf is-silg. Ebda sacerdot iehor ma kien joqghod hekk qrib l-isptar biex jasal fil-hin qabel Edna thalli d-dinja.

B’xorti tajba xi hadd ftakar li kien hemm sacerdot qieghed id-dar ghand ohtu fuq vakanza tal-Milied ftit blokki ‘l isfel mill-isptar. L-infermiera ikkuntatjawh u z-zaghzugh gie jigri biex jamministra l-ahhar sagramenti lil anzjana aggonizzanti.

Meta dahal fil-kamra, s-sacerdot ra mara anzjana rieqda fis-sodda. Haseb li jsejhilha b’isimha b’vuci baxxa f’widnejha u b’hekk iqajjimha. Imma meta ra isimha imnizzel fuq il-karta imwahhal mas-sodda huwa ghajjat, “Edna Costello.”

Edna fethet ghajnejha. “Oh Father”, esklamat, “Nirringrazzja lil Alla li inti hawn.”

“Jiena wkoll nirringrazzja lil Alla li inti hawn,” qalilha Father Tommy Brown. “Inti r-raguni li jiena sacerdot.”